

## Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: avveniment inawgurali fi Strasburgu fid-9 ta' Mejju

**L-avveniment inawgurali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa se jsir fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu f'Jum I-Ewropa nhar il-Fladd 9 ta' Mejju.**

**Meta:** il-Fladd 9 ta' Mejju, mis-14.00-15.30

**Fejn:** Parlament Ewropew fi Strasburgu

Il-programm se jkun ta' siegħa u nofs u jinkludi diskors ta' merħba mill-President Franċiż Emmanuel Macron, diskorsi mill-Presidenti Sassoli u von der Leyen u l-Prim Ministru Costa f'rappreżentanza tal-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll interventi qosra mill-ko-Presidenti tal-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza.

Iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili se jipparteċipaw permezz ta' link bil-vidjo, u se jkun hemm siltiet mużikali mill-vjolinista Renaud Capuçon u l-kwartett Karski, kif ukoll link mal-avvenimenti ta' Jum I-Ewropa madwar l-Istati Membri.

27 student tal-Erasmus mill-Istati Membri kollha se jkunu preżenti fil-kamra, u madwar 300 ċittadin se jkunu mistiedna jattendu mill-bogħod u se jkunu preżenti permezz ta' skrin televiżivi kbar.

Ministri għall-Affarijiet Ewropej u mistednin importanti oħra se jingħaqdu wkoll mill-bogħod.

### **Miżuri ta' prevenzjoni tal-COVID-19**

Il-ġurnalisti jistgħu jattendu, sakemm isegwu b'mod strett ir-restrizzjonijiet għas-saħħa u l-miżuri stabbiliti mill-awtoritajiet Franċiżi u l-Parlament Ewropew. Il-ġurnalisti kollha preżenti fiżikament fl-avveniment huma mitluba jirrispettaw id-distanza soċjali ta' 1.5 m waqt li jkunu fil-bini tal-PE u jilbsu maskra medika tal-wiċċ f'kull ħin.

### **Kopertura awdjoviżiva**

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa se tixxandar dirett fuq l-EbS+ (*clean feed*) mis-13: 30 sal-15.30 CET. L-EbS se jxandar sinjal bit-titoli (lest biex jixxandar).

Iċ-ċerimonja se tkun ukoll strimjata fuq [iċ-ċentru multimedjali tal-Parlament](#) u l-EBS, u fuq il-paġni [Twitteru](#) [Facebook](#) tal-Parlament Ewropew.

Vidjo, awdjo u ritratti tal-avveniment se jkunu disponibbli f'*live replay* fuq iċ-Ċentru Multimedia:

[https://multimedia.europarl.europa.eu/en/conference-on-future-of-europe-inaugural-event\\_18901\\_pk](https://multimedia.europarl.europa.eu/en/conference-on-future-of-europe-inaugural-event_18901_pk).

Iktar dettalji dwar l-akkreditazzjoni, il-faċilitajiet awdjoviżivi, żoni tax-xogħol eċċ taħt din [il-link](#).

## Kuntatti

---

Sanne DE RYCK

Press Officer

☎ (+32) 2 28 42531 (BXL)

☎ (+33) 3 881 64917 (STR)

📱 (+32) 498 98 34 51

✉ [sanne.deryck@europarl.europa.eu](mailto:sanne.deryck@europarl.europa.eu)

---

Krasimir SAVOV

Press Officer

☎ (+32) 2 28 41996 (BXL)

☎ (+33) 3 881 78386 (STR)

📱 (+32) 473 525 428

✉ [krasimir.savov@europarl.europa.eu](mailto:krasimir.savov@europarl.europa.eu)

---